**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A., LL.D., M. Jur. (Eur Law),**
**Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Rikors Numru: 317/2022/1 SG**

**Fl-atti tal-Ittra Uffiċċjali**
**numru 317/2022 fl-ismijiet:**

**Kummissarju tat-Taxxi**
**vs**

**Mezzan Bakery Limited**

**Illum it-Tlieta, 28 ta' Marzu 2023**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippresentat mir-rikorrenti Mezzan Bakery Limited fl-10 ta' Ġunju 2022 fejn esponiet is-segwenti:-

*'Illi permezz tà ittra ufficjali datata l-1 tà Gunju 2022, li giet notifikata lir- rikorrenti fid-9 tà Gunju 2022 enumerata 317/2022, ir-rikorrenti giet interpellata mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni sabiex fi zmien jumejn thallas is-somma tà hamsa u erbghin elf tmien mija u sitta u tletin ewro (€45,836) fi hlas lura ta' taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja ghas- snin tà stima 2012, 2013, 2016, 2017, 2018, u 2019, skont l-Avviz unit ma' l-istess ittra, b'ittra, b'intima illi fin-nuqqas li jhallas l-ammont*

*reklamat huwa kien ser jipprocedi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ottenut ai termini tal-Artikolu 40 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Dok. 'MBL1' hawn unit).*

*Illi l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra tieghu, u dan ghas- segwenti ragunijiet:*

1. *Illi l-ittra ufficjali tal-1 tà Gunju 2022, saret biex l-intimat jikseb il- hrug tà mandati esekuttivi taht l-artikolu 40 tal-Kap. 372 tal-Ligijiet Id- tà Malta biex jigbor it-taxxa minghand ir-rikorrenti. dispozizzjonijiet relevanti tal-Kap. 372 jipprovdu illi jekk, wara li l- Kummissarju tat-Taxxi Interni jkun baghat avviz ghall-hlas tat-taxxa, dak li lilu jintbaghat l-avviz ma jhallasx fi zmien hmistax, il- Kummissarju jistà jtenni t-talba ghall-hlas b'att gudizzjarju u, wara jumejn min-notifika tà dak l-att, ikun jistà jikseb il-hrug tà mandati esekuttivi.*

2. *Fil-kaz odjern, l-avviz li l-ligi trid li jinghata qabel ma jistà jsir l-att gudizzjarju msemmi fl-artikolu 40 tal-Kap. 372 allegatament sar bl- avviz tal-15 tà Settembru 2020. Ir-Rikorrenti tichad li rceviet dan l- avviz, u ghalhekk iz-zmien tà hmistax il-gurnata li taghti l-ligi ma bediex ighaddi.*

3. *Dan iwassal ghall-konsegwenza illi l-ittra ufficjali hi intempestiva u ghalhekk ma tistax ipproduci l-konsegwenzi legali li jrid il- Kummissarju.*

4. *Bla pregudizzju ghall-premess l-ammont mitlub mhux dovut.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq premessi l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi l-pretensjoni tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-hlas tas-somma tà €45,836 kif dedotta fl-ittra ufficjali prezentata fl-1 tà Gunju 2022 flimkien mat- talba tal-ispejjez ghall-prezentata tà dak l-att, hi nfondata fil-fatt u fid- dritt u konsegwentement ghandha tigi annullata, u l-esponent dikjarata mhix debitrici tal-intimat fis-somma pretiza.*

*Bl-ispejjez tà din il-procedura kontra l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni."*

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Ġunju 2022 fejn din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lil kontroparti bi żmien għar-risposta ai termini ta' l-artikolu 466(3) tal-Kap 12 filwaqt li appuntat għas-smigħ dan ir-rikors.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi ppreżentata nhar is-6 ta' Lulju 2022 fejn espona is-segwenti:-

*"1. Illi in linea preliminari, il-proċedura mressqa mis-soċjeta rikorrenti permezz tar- rikors promotur hija irrita u nulla stante li l-istess rikors mhuwiex maħluf u lanqas ma hu fil-forma rikjesta mill-liġi;*

*2. Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju, r-rikors huwa null u mingħajr effett in kwantu mhuwa bbażat fuq l-ebda dispożizzjoni tal-liġi fil-fatt permezz tal-Ittra Uffiċjali numru 317/22 tal-1 ta' Ġunju 2022, l-esponent ipproċeda sabiex jeżegwixxi titolu eżekuttiv kontra s-soċjeta'*

*rikorrenti ai termini tal-Artikolu 44(2A)(c) tal-Kap. 372 quddiem din l-Onorabbli Qorti, liema titolu eżekuttiv ġie ottjenut bin-notifika tal- 'Avviż ta' Talba għal Hlas' datat 15 ta' Settembru 2020;*

3. *Illi kif ukoll in linea preliminari u mingħajr pregudizzju għas-suespost, din l- Onorabbli Qorti mhijiex vestita bil-kompetenza li tissindaka l-ittra uffiċjali numru 317/22 liema sindakar jista' jsir biss a tempo debito u skont il-proċedura stipulata fl- Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta); F'dan l-istadju l-liġi tipprovdi biss għall-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv* **gia' ottjenut** *u ma tistipula l-ebda procedura oħra sabiex tiġi kontestata l-imsemmija eżekuzzjoni ta' dana t- titolu eżekuttiv;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Avviż imsemmi iktar il' fuq kien notifikat lis-soċjeta' rikorrenti Mezzan Bakery Limited (Numru tat-Taxxa 993331210 kif jirriżulta mill-profil tal-istess kumpannija kif registrata mal-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'KT1') fid-19 ta' Settembru 2020 permezz ta' posta registrata, kopja tat-Track and Trace tal-Maltapost numru RR416179855MT qed tiġi hawn annessa u mmarkat bħala 'Dok KT2', kif ukoll qed tiġi annessa lista magħmula mill-istess esponent sabiex tabbina tali referenza mas- soċjeta' rikorrenti u l-indirizz tagħha li qegħda mmarkata bħala 'Dok KT3';*

5. *Illi konsegwentement, l-ittra uffiċjali numru 317/2022 hija valida u maħruġa mill-esponent Kummissarju tat-Taxxi skont il-liġi;*

6. *Illi għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Għaldaqstant, l-esponent Kummissarju tat-Taxxi jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġoba tichad t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti, bl-ispejjes kontra tagħha.

Semgħet il-provi mressqa dwar l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari.

Semgħet trattazzjoni dwar l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Jirriżulta li l-Kummissarju tat-Taxxi b'Ittra Uffiċċjali tal-1 ta' Ġunju 2022 kien sejjaħ lir-rikorrenti sabiex iħallas is-somma hemm indikata fl-ammont ta' €45,836 rappreżentanti kwantu għal €37,446 taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għas-snin ta' stima 2012, 2013, 2016, 2017, 2018 u 2019 u kwantu għal €8,390 bħala taxxa addizzjonali u interessi. L-istess ġie mwissi li jekk ma jħallasx, kien ser jipproċedi għall-eżekuzzjoni tat-titolu ottjenut ai termini ta' l-artikolu 40 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Fl-10 ta' Ġunju 2022, ir-rikorrenti ppreżenta r-rikors odjern fejn talab lil Qorti tgħid illi dak li qiegħed jitlob l-intimat fl-Ittra Uffiċċjali tiegħu fuq imsemmija, ma huwiex dovut.

Din il-Qorti tat żmien għar-risposta ta' l-intimat iżda bi żvista ġie mniżżel fid-digriet li l-intimat għandhu dritt jirrispondi ai termini ta' l-artikolu 466(3) tal-Kap 12.

Da parti tiegħu, l-intimat wieġeb inter alia li r-rikors ma jiswiex għax ma hux mibni fuq ebda disposizjoni tal-liġi kif ukoll li l-istess rikors mhuwiex maħluf u lanqas ma hu fil-forma rikjesta mil-liġi.

Intqal li r-rikors ma jiswiex għaliex l-ittra uffiċċjali in kwistjoni ma saritx taħt l-artikolu 466 tal-kap 12 biex jinkiseb titolu eżekuttiv, iżda taħt l-artikolu 40 tal-Kap 372. L-artikolu 40 tal-Kap 372 jgħid kif għandu jimxi l-intimat għall-esekuzzjoni ta' dawk it-titoli eżekuttiv. In oltre, jekk, wara li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jkun bagħat avviż għall-ħlas tat-taxxa, dak li lilu jintbagħat l-avviż, ma jħallasx fi żmien ħmistax, il-Kummissarju jista jtenni t-talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju, u wara jumejn minn notifika ta' dak l-att, ikun jista jikseb il-ħruġ ta' Mandati Eżekuttivi.

Din hija proċedura differenti minn dik taħt l-artikolu 466 tal-Kap 12 u huwa għalhekk li għal kull buon fini qiegħda tissenjala li r-referenza li saret għall-artikolu 466(3) tal-Kap 12 saret b' mod erronju minn din il-Qorti.

Din il-Qorti tqis in linea ma' dak li ntqal fil-proċedura deċiża fis-6 ta' Ottubru 2009 fl-ismijiet Simon Petroni vs Kummissarju tat-Taxxi Interni li fil-każ bħal dan tal-lum, l-intimat kellu titolu eżekuttiv qabel in-notifika tal-att ġudizzjajru – din in-notifika hija meħtieġa biss għall-esekuzzjoni tat-titolu – waqt illi bil-proċedura taħt l-artikolu 466 tal-Kap 12, it-titolu jinkiseb biss jekk ma ssirx kontestazzjoni fiż-żmien li tagħti l-liġi jew jekk il-kontestazzjoni ma tirnexxix. L-istess Qorti f' dik is-sentenza spjegat li dan ma jfissirx li ma hemmx rimedju għal min ma jaqbilx ma stima maħruġa mill-intimat, ifisser biss li r-rimedju ma hux dak magħżul u mitlub mir-rikorrent. In fatti, il-Qorti kompliet tispjega li appell kontra l-istimi w avviżi maħruġa mill-intimat, isiru taħt id-disposizjonijiet tat-Taqsima VI tal-Kap 372.

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għal dak li ntqal mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' April, 2009 Rikors Numru. 1258/2008 fl-ismijiet Paul Vella Versus Kummissarju tat-Taxxi Interni u ċioe':

*"L-ittra uffiċjali tat-2 ta' Diċembru 2008 saret biex l-intimat jikseb il-ħruġ ta' mandati esekuttivi taħt l-art. 40 tal-Kap. 372 biex jiġbor it-taxxa mingħand ir-rikorrent. Id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kap. 372 jipprovdu illi jekk, wara li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ikun bagħat avviż għall-ħlas tat-taxxa, dak li lilu jintbagħat l-avviż ma jħallasx fi żmien ħmistax, il-kummissarju jista' jtenni t-talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju u, wara jumejn min-notifika ta' dak l-att, ikun jista' jikseb il-ħruġ ta' mandati esekuttivi.*

*Appell kontra l-istimi u l-avviżi maħruġa mill-intimat isiru taħt id-dispożizzjonijiet tat-taqsima VI tal-Kap. 372. Jista' jsir appell quddiem Bord ta' Kummissarji Speċjali taħt l-art. 34, u minn deċiżjoni ta' dak il-bord jista' jsir appell fuq punt ta' liġi biss quddiem il-Qorti ta' l-Appell fil-kompetenza inferjuri jew superjuri skond il-quantum tal-kontestazzjoni.*

*Wara li jinqata' l-appell, jew jekk ma jsirx appell fiż-żmien li tagħti l-liġi, l-istima ssir finali.*

*Jidher għalhekk illi l-liġi ma tagħtix ir-rimedju li qiegħed jitlob ir-rikorrent b'rikors mhux maħluf, u l-eċċezzjoni tal-intimat hija tajba. Għal din ir-raġuni l-qorti teħles lill-intimat mill-ħarsien tal-ġudizzju, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent."*

Din il-Qorti qiegħda tqis li għalhekk għandha tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari mressqa mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi u dana peress li l-liġi ma tagħtix ir-rimedju li qiegħed jitlob ir-rikorrent bil-konsewgenza li t-tieni eċċezzjoni tal-intimat hija tajba.

Tiddikjara għalhekk in segwitu li qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet l-oħra.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti, il-Qorti qiegħda tilqa' t-tieni eċċezzjoni preliminari ta' l-intimat filwaqt li teħles lill-intimat mill-ħarsien tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

(ft) Dr. Simone Grech
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

28.03.2023 – Sup317.2022 – Kummissarju tat-Taxxi vs Mezzan Bakery Limited
1453